Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 2 ta' Frar 2001.

Avviz Nru 1027/00

Gutenberg Press Limited

Vs

William Trevisan

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija tmienja u tmenin lira Maltin (Lm688) import ta' prezz ta' xogholijiet varji ta' stampar mibjugha u kkonsenjata lilu mis-socjeta' attrici fuq struzzjonijiet tieghu kif ukoll l-imghaxijiet mid-data tal-fatturi relattivi (kif jidhru fl-anness prospett markat bhala `Dok A') sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' Lulju 2000 (`Dok B'), kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant issib li t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U ghaldaqstant wara li rat in-nota ta' riduzzjoni fejn l-ammont mitlub gie ridott bis-somma ta' hames mitt lira (Lm500) qieghda tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-bilanc ta' mija u tmienja u tmenin lira (Lm188) oltre l-imghaxijiet legali kif mitlub fl-avviz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia　　　　　　　　　　　　　　　　Magistrat
Dep/Reg